Parroċċa Qalb bla tebgħa ta' Marija

Burmarrad

Nº: 10/16

**AVVIŻI**

**6 ta' Marzu 2016**

*Illum* 6 ta' Marzu sa jsir pellegrinaġġ – Via Sagra minn ħdejn il-ground tal-futbol sal-kappella ta' San Mikiel li fih nitolbu l-ħniena ta' Alla u d-don tax-xita. Nitilqu fit-3.30pm. Inħeġġu lil kulħadd biex jieħu sehem. Nipprovdu t-trasport lil min ma jkunx jiflaħ jimxi lura.

Nhar il-Ħamis fis-6.15pm sa ssir ċelebrazzjoni penitenzjali fil-Knisja. Ikun hawn ukoll saċerdot minn barra għall-qrar. Tkun ħaġa sabiħa li nieħdu bis-serjetà ċ-ċelebrazzjoni tas-sagrament tal-qrar li fih niltaqgħu mal-Mulej Ħanin.

Nhar il-Ġimgħa 11 ta' Marzu sa jsir pellegrinaġġ għas-santwarju tal-Isla fejn ngħaddu mill-bieb tal-Ħniena, inqimu x-xbieha ta' Ġesù Redentur u niċċelebraw l-Ewkaristija. Tluq minn quddiem il-Knisja fit-8.30am. Importanti li tibbukkjaw sa nhar l-Erbgħa biex norganizzaw it-trasport.
Din hija attività organizzata mill-Kumitat tal-Festa.

Nhar is-Sibt 12 ta' Marzu jkollna d-dramm tal-passjoni li jibda fis-7pm. Hija okkażjoni biex nirriflettu fuq il-ħajja nisranija llum fid-dawl tal-passjoni, l-mewt u l-qawmien ta' Ġesù. Inħeġġu lil dawk kollha li nafu biex jattendu. Id-dħul huwa b'xejn.
Minħabba li din hija attività li titlob ħafna spejjeż, l-offerti kollha fil-kaxxa tan-noticeboard ħdejn il-bieb tal-knisja jintużaw għal-din l-attività.